Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Frar 2016
(OR. en)

5685/1/16
REV 1

EDUC 15
SOC 44
EMPL 28
JEUN 12
ECOFIN 61

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5544/16 EDUC 12 SOC 36 EMPL 26 JEUN 9 ECOFIN 45 + COR 1
Suġġett:	Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni: il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-Semestru Ewropew 2016

Matul diversi laqgħat, il-Kumitat tal-Edukazzjoni ħejja t-test ta' hawn fuq bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu fil-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport tal-24 ta' Frar 2016.

It-test issa jissodisfa l-qbil ġenerali tad-delegazzjonijiet kollha.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jibgħat it-test lill-Kunsill għall-adozzjoni u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tal-24 ta' Frar 2016 dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni: il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-Semestru Ewropew 2016

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

B'KONT MEĦUD TA'

– L-ISTĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR 2016 TAL-KUMMISSJONI EWROPEA: Tisħiħ tal-irkupru u trawwim tal-konverġenza[1];

– Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015 tal-Kummissjoni Ewropea[2];

– Ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) - Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ[3];

1 14270/15
2 ISBN 978-92-79-50621-5
3 ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25-35

JIKKUNSIDRAW LI

L-Ewropa qed tħabbat wiċċha ma' sfidi soċjali multipli u simultanji.

Għalkemm b'mod ġenerali l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea qed tesperjenza rkupru moderat, l-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fuq is-soċjetajiet tagħna għadu jippersisti. Ikomplu jiżdiedu d-disparitajiet bejn u fl-Istati Membri, u dan jirriżulta fi żbilanċi fit-tul. F'ħafna pajjiżi l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu kbir b'mod allarmanti u l-livelli ta' kisba edukattiva jibqgħu insuffiċjenti.

Il-kriżi attwali tar-refuġjati toħloq sfidi konsiderevoli għas-soċjetajiet tagħna u għas-sistemi edukattivi tagħna. Huwa d-dmir komuni tagħna li jinħoloq ambjent li fih jirnexxu t-talenti ta' kulħadd, irrispettivament mill-ambjent jew l-oriġini.

Fl-istess waqt is-soċjetajiet tagħna qed jiffaċċjaw theddid minn dejjem aktar radikalizzazzjoni, li f'xi każijiet twassal għall-vjolenza u t-terroriżmu. Dan jitfa' aktar enfasi fuq ir-rwoli importanti li jaqdu l-edukazzjoni u t-taħriġ meta niġu għall-promozzjoni tal-inklużività, iċ-ċittadinanza attiva u valuri fundamentali komuni, kif jinsabu fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi ta' Marzu 2015.[4]

Dawn l-isfidi prinċipali huma komuni b'implikazzjonijiet importanti għall-politika tal-edukazzjoni. Sabiex jinkiseb irkupru ekonomiku sostenibbli u biex jitnaqqsu d-disparitajiet u l-iżbilanċi, tinħtieġ reazzjoni li biha l-Istati Membri jaġixxu flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE u flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra**,** bħall-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO[5].

---

[4] Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, Pariġi, is-17 ta' Marzu 2015.

[5] B'mod partikolari, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli nru 4 tan-NU, li hu ddedikat għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja [Riżoluzzjoni tan-NU 70/1 *Transforming our World: the 2030 Agenda for Sustainable Development*].

JIRRIKONOXXU LI

L-għoti ta' ħiliet, kompetenzi u għarfien rilevanti lin-nies iwassal għall-innovazzjoni u t-tkabbir u jippromwovi l-iżvilupp u l-ġid personali. Dan huwa l-aħjar mezz kif l-individwi ma jispiċċawx qiegħda, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.[6]

Sfortunatament, fit-transizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, għad hemm għadd konsiderevoli ta' diskrepanzi fil-ħiliet u nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet konsiderevoli, b'tali mod li l-ekonomiji Ewropej jistgħu jiġu mxekkla minn nuqqas ta' ħaddiema bil-ħiliet adattati li mbagħad inaqqsu l-potenzjal ta' tkabbir tagħhom[7]. Madankollu, daqstant sfortunat huwa l-fatt li ħafna ħaddiema b'ħiliet kbar jistgħu jsibu ruħhom f'impjiegi li ma jużawx it-talenti tagħhom biżżejjed u li jistgħu jnaqqsu l-potenzjal individwali tagħhom li jikbru.[8]

L-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom kontribut qawwi x'jagħtu biex jiżguraw soċjetà koeżiva kif ukoll suq tax-xogħol li jiffunzjona tajjeb. L-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom joħolqu kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd u jservu bħala mezz b'saħħtu għall-inklużjoni soċjali u ekonomika ta' gruppi żvantaġġati billi jħaddnu d-diversità fil-forom kollha tagħha. Bl-istess mod, l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-iżvilupp tal-potenzjal f'kull persuna u fit-trawwim tal-abbiltà li wieħed jaħseb b'mod kritiku u jħaddem ġudizzju ġust u indipendenti, partikolarment - iżda mhux esklużivament - fil-kuntest tal-media soċjali.

6 Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 [14270/15, paġna 8]
7 39% tal-kumpaniji allegatament isibuha diffiċli jsibu persunal bil-ħiliet meħtieġa – [it-Tielet Stħarriġ Ewropew tal-Kumpaniji (2013), Eurofound].
8 Stħarriġ Ewropew dwar il-Ħiliet u l-Impjiegi 2014 ta' Cedefop

Filwaqt li s-sistemi edukattivi jaħdmu tajjeb f'ħafna aspetti u jikkontribwixxu sostanzjalment għall-potenzjal tat-tkabbir tal-Ewropa u biex jiżguraw soċjetajiet miftuħa u demokratiċi, xi dgħufijiet sinifikanti għadhom hemm. L-għadd konsiderevoli ta' studenti li ma jirnexxilhomx jilħqu standards minimi fl-edukazzjoni huwa partikolarment inkwetanti, kif jidher fiċ-ċifri reċenti dwar ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola[9] u l-livelli ta' ħiliet bażiċi.[10] L-istatus soċjoekonomiku, l-ambjent ta' migrazzjoni u s-sessi huma fatturi importanti tal-prestazzjoni edukattiva[11], u b'hekk jillimitaw l-effett emanċipatorju[12] li għandu jkollhom l-edukazzjoni u t-taħriġ.

JIPPREŻENTAW KIF XIERAQ il-kontribut li ġej fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ lill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2016:

1. L-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu element ewlieni f'approċċ komprensiv immirat biex jitrawmu l-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi. Dan jitlob li jkun hemm riformi mfassla apposta tas-sistemi edukattivi, bil-ħsieb li titjieb il-prestazzjoni tagħhom f'termini ta' riżultati ta' tagħlim bħala parti mill-isforzi globali meħtieġa biex inġibu lura l-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli. Billi jgħin it-tkabbir u jappoġġa kemm l-irkupru fuq perijodu qasir ta' żmien kif ukoll it-tkabbir ekonomiku fit-tul, l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jingħata prijorità kemm fuq livell reġjonali, nazzjonali kif ukoll dak tal-UE. M'hemmx bżonn li dan ikun fil-każijiet kollha kwistjoni ta' żieda fil-baġits, iżda minflok jista' jkun wieħed ta' kif l-infiq jiġi mmirat aħjar u jiġu pprovduti l-inċentivi t-tajbin għat-tisħiħ tal-kwalità.

---

9 Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015, parti 2. Fl-2014, dawk li telqu mill-iskola qabel iż-żmien fl-UE kienu jirrappreżentaw 11.1 % tal-popolazzjoni ta' bejn it-18 u l-24 sena, jiġifieri 'l fuq mill-mira ta' Ewropa 2020 ta' 10 %.

10 Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015, paragrafu 1.1. Skont l-aktar stħarriġ reċenti PISA tal-OECD (2012), fl-UE s-sehem ta' prestazzjoni baxxa fil-qari huwa ta' 17.8 %, fil-matematika ta' 22.1 % u fix-xjenza ta' 16.6 %, jiġifieri 'l fuq mill-punt ta' riferiment tal-ET 2020 ta' 15 %.

11 Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015, paragrafu 1.1

12 jiġifieri li tingħata s-setgħa lil xi ħadd li jegħleb restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet li jista' jesperjenza bħala riżultat tal-ambjent personali jew soċjoekonomiku tagħha

2. L-iżvilupp tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja huwa essenzjali għal suq tax-xogħol li jiffunzjona tajjeb li fih it-talenti individwali jistgħu jiffjorixxu. Għandhom jinstabu modi biex iż-żgħażagħ jiġu ppreparati għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol, filwaqt li fl-istess ħin jiġu kontinwament aġġornati u mtejba l-ħiliet ta' dawk diġà fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas ta' tlaqqigħ ta' ħiliet u d-diskrepanza fil-ħiliet għandu jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijorità kemm mis-settur tal-edukazzjoni kif ukoll dak tal-impjiegi. Fost affarijiet oħra, dan ifisser li tinħtieġ enfasi akbar fuq l-iżvilupp ta' ħiliet trasversali[13] u li t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet fil-ġejjieni u sħubiji bejn l-edukazzjoni u n-negozji għandhom jiġu promossi.

L-importanza tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tmur lil hinn ħafna mis-suq tax-xogħol. Bl-istess mod, l-importanti huwa l-ħolqien ta' ċittadini responsabbli li kapaċi jkollhom sehem attiv fis-soċjetà u fil-ħajja demokratika. Iż-żewġ għanijiet huma kumplementari, minħabba li l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa fis-soċjetà huma b'ħafna modi daqstant rilevanti għall-post tax-xogħol.

3. Ir-riformi strutturali biex jimmodernizzaw l-ekonomiji tagħna għandhom jimxu 'l quddiem bil-ħsieb tat-trawwim tal-iżvilupp tal-ħiliet tal-individwi, il-kompetenzi u l-għarfien, sabiex jiġu stimulati l-innovazzjoni u l-produttività kif ukoll tiġi promossa l-inklużività. Bl-istess mod, is-sistemi edukattivi għandhom jippruvaw jżidu l-effett emanċipatorju tagħhom, biex jiżguraw kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd irrispettivament mill-qagħda soċjoekonomika, l-ambjent ta' migrazzjoni jew is-sessi. Dan ifisser li s-sistemi edukattivi jinfetħu biex iwieġbu għad-diversità dejjem akbar tal-istudenti u jsawru rabtiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

13 bħat-tagħlim dwar kif titgħallem, kif issolvi l-problemi, ħiliet intraprenditorjali u diġitali, il-kreattività u l-ħsieb kritiku

U JESPRIMU L-IMPENN TAGĦHOM LI

1. Jikkooperaw bil-ħsieb li jippromwovu l-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni bis-saħħa ta' riformi, politiki rilevanti u investimenti maħsuba apposta. Politiki li kienu ta' suċċess għandhom jiġu identifikati u mxerrda, u għandu jingħata appoġġ rilevanti għall-implimentazzjoni tagħhom f'pajjiżi oħra li jixtiequ jiġu ispirati minnhom biex jiżviluppaw politiki u riformi simili.

2. Jimmonitorjaw il-progress lejn il-miri komuni tagħna fl-edukazzjoniu t-taħriġ, u biex isegwu l-iskambju tal-għarfien u l-esperjenza, b'mod partikolari fil-qafas tal-oqsma ta' prijorità u l-istrutturi tal-"ET2020" li ġie rivedut reċentement[14]. B'dan, għandha tiġi żgurata l-konsistenza mal-miri ewlenin u l-arranġamenti ta' governanza ta' Ewropa 2020 fil-qafas tas-Semestru Ewropew, filwaqt li tiġi rrispettata b'mod sħiħ is-sussidjarjetà, l-awtonomija tal-istituzzjonijiet edukattivi u l-libertà pedagoġika.

3. Jinvestu b'mod adegwat fl-edukazzjoni fil-livelli kollha, filwaqt li jinċentivawha biex jiżdiedu l-livelli ta' kisba edukattiva, biex jidentifikaw u jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u jsaħħu l-effett emanċipatorju tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Għal dan l-għan, jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ipprovduti minn strumenti Ewropej bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u l-programm Erasmus+.

14 inkluż permezz tal-kwistjonijiet konkreti miftiehma u gruppi ta' ħidma li għadhom kif ġew stabbiliti [Ara r-Rapport Konġunt 2015 adottat fit-23 ta' Novembru 2015 - ĠU C 417, 15.12.2015]

4. Jipprovdu lill-għalliema permezz ta’ taħriġ inizjali u żvilupp professjonali kontinwu b'għodod u metodi pedagoġiċi xierqa u aġġornati maħsuba biex itejbu l-ħiliet u l-kompetenzi, l-iżvilupp u l-kisba tal-għarfien. Il-ftuħ tal-istituzzjonijiet edukattivi għad-dinja esterna għandu jkun parti integrali ta' dan l-approċċ fuq il-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Biex jinkiseb dan, għandhom jiġu mħeġġa sħubiji nazzjonali, reġjonali u lokali, li jinvolvu partijiet ikkonċernati rilevanti bħal imsieħba soċjali u rappreżentanti mis-settur taż-żgħażagħ, u jiġu mmirati lejn l-indirizzar ta' sfidi speċifiċi.

5. Jilħqu b’mod attiv liż-żgħażagħ bi prospetti baxxi ta’ edukazzjoni u impjieg fuq il-bażi tal-istatus soċjoekonomiku, l-isfond ta’ migrazzjoni jew is-sess tagħhom, bil-ħsieb li jiżguraw li ħadd ma jibqa’ lura. Għandhom jissaħħu l-litteriżmu diġitali u tal-media taż-żgħażagħ kif ukoll l-abbiltà tagħhom li jaħsbu b'mod kritiku, flimkien mal-ħiliet soċjali u l-kompetenzi ta' ċittadinanza tagħhom. L-għalliema u l-kapijiet tal-iskejjel għandhom jingħataw is-setgħa li jiskopru u javżaw dwar sinjali bikrija ta’ nuqqas ta' involviment bil-ħsieb li jittejbu l-kisbiet edukattivi u jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola, l-esklużjoni soċjali u r-radikalizzazzjoni vjolenti.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI

1. Tkompli tippromwovi - fil-kuntest tal-programm ta’ ħidma Erasmus+ għall-2017 - kwalunkwe inizjattiva li twieġeb għall-isfidi deskritti f’din ir-Riżoluzzjoni, billi tagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet ipprovduti fil-programm eżistenti. Barra minn hekk, ir-reviżjoni ta’ nofs it-term tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali toffri opportunità li jiġi kkunsidrat kif dawn l-isfidi jistgħu jiġu appoġġati permezz ta’ strumenti eżistenti differenti tal-UE - inkluż il-programm Erasmus+ - bl-aktar mod effettiv.

2. Tafferma mill-ġdid l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ f’kull inizjattiva Ewropea wara l-2020 dwar it-tkabbir, l-impjiegi u s-sostenibbiltà, filwaqt li tqis ukoll inizjattivi usa' bħall-Għanijiet ta’ Żvilupp 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan huwa partikolarment importanti fil-każ tal-edukazzjoni, qasam ikkaratterizzat mill-perspettiva fit-tul tiegħu.

3. Tippreżenta, sa ma jasal il-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport ta' Mejju 2016, il-proposta tagħha li jmiss għal aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa li tappoġġa lill-Istati Membri**,** li fost l-oħrajn, jistgħu jikkunsidraw modi biex tingħata spinta lill-iżvilupp ta’ ħiliet u l-kisba tal-għarfien f’perspettiva ta’ tagħlim tul il-ħajja, b’referenza partikolari għall-oqsma li ġejjin:

a. Iż-żieda fil-livelli ta’ kisba edukattiva, filwaqt li jiġi rikonoxxut li t-tlestija tal-livell sekondarju ogħla jew ekwivalenti għandha t-tendenza li tiġi kkunsidrata bħala r-rekwiżit minimu biex tiġi żgurata transizzjoni ta' suċċess mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol u għall-kisba ta' aċċess għal aktar tagħlim;

b. It-titjib tal-għoti ta’ kompetenzi ewlenin li huma kruċjali għat-tagħlim tul il-ħajja, l-impjegabbiltà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u l-ħajja demokratika;

c. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Ewropa li tantiċipa ħtiġijiet ta’ ħiliet futuri u li tindirizza d-diskrepanzi fil-ħiliet kif ukoll in-nuqqas ta’ tlaqqigħ tal-ħiliet, b’enfasi fuq ir-responsabbiltà maqsuma bejn id-dinjiet tal-edukazzjoni u tax-xogħol, u billi nibnu fuq inizjattivi miż-żewġ setturi;

d. Il-promozzjoni ta' trasparenza aħjar u l-użu ta' ħiliet u kwalifiki disponibbli ta’ ħaddiema u studenti mobbli tal-UE;

e. It-tiġdid tal-proċess tal-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa, inkluż billi;
   - jissaħħu l-kwalità u r-rilevanza fl-iżvilupp u t-tagħlim tal-kurrikulu;
   - jiġi inkoraġġut ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja bħala innovaturi reġjonali;
   - jiġu mtejba r-rabtiet bejn il-funzjonijiet ta' edukazzjoni u ta' riċerka tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
   - tiġi fformulata tweġiba għall-impatt tal-edukazzjoni għolja miftuħa u online;
   - jiġi indirizzat ir-rwol ċiviku tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jinvolvu ruħhom mal-komunità;
   - jiġi żgurat li kull min għandu l-potenzjal li jkollu suċċess fl-edukazzjoni għolja, għandu jkollu l-opportunità li jagħmel dan, irrispettivament miċ-ċirkustanzi tal-persuna.

4. Tappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tar-rwol li l-edukazzjoni u t-taħriġ jaqdu fil-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva u l-valuri fundamentali, bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi[15]. F'dan il-kuntest, tiżgura sinerġija u kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-ċittadinanza demokratika.

---

[15] Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, Pariġi, 17 ta' Marzu 2015.